MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 242/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Gauci talli f’dawn il-Gzejjer cioe` fi Triq Burmarrad, Burmarrad, nhar-it 22 ta’ Novembru 2007 ghall-habta ta’ 17.34 hrs:

(1) bhala bejjiegh fit-toroq halla l-vettura tieghu li biha kien jopera b’mod kummercjali, ipparkjata f’distanza ta’ mixi ta’ inqas minn hamsin metru mill-entratura ta’ kull post kummercjali ;

(2) qieghed xi affarijiet fuq il-bankina relatati max-xoghol kumercjali li kien qieghed jopera ;

(3) bhala bejjiegh fit-toroq uza l-vettura b'numru tar-registrazzjoni CAR-341 li ma kinitx indikata fuq il-licenzja tal-kummerc mahruga lilu mill-awtorita` kompetenti ;

(4) ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' ufficjal inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietu billi ma halliehx jaghmel dak li b'ligi jista' jaghmel jew kien ordnat li jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li hu ghamel skond il-ligi ;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Lulju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli [*recte :* regolamenti] 30(c)(ii), 30(2)(d), 25(2) ta' l-Avviz Legali 1/2006, l-artikolu 29 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17(f) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Gauci hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu *ammenda* ta' tliet mitt euro (€300);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Gauci pprezentat fid-29 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata minbarra l-imputazzjoni dwar il-vettura minnu ammessa, u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena ;

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni tal-25 ta' Marzu 2009 fejn giet eccepita n-nullita` tar-rikors ta' appell ghax mhux konformi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mill-prosekuzzjoni tan-nullita` tar-rikors ta’ appell peress illi r-rikors jippekka kontra dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa, l-artikolu 419 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li r-rikors ta’ appell ghandu jkun fih “taht piena ta’ nullita`”: *“(c) it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri.”*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta’ Gunju 1995, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta’ appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**“(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet ‘very strictly and rigidly interpreted’ (The Police v. John Hill, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil, fil-prassi ta’ din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista’ flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella – tilqa’ l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-tahsir, ir-rikors ikun null (P. v. Anthony Zammit, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; P. v. Richard Vincenti Kind, App. Krim., 16/9/72); P. v. Carmelo Agius, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni**

**u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Gie ritenut ukoll illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' imputazzjoni wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[1].

Mill-atti jirrizulta illi fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2008 quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant ammetta t-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Wara li nstemghu l-provi mill-ewwel Qorti, dik il-Qorti sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti, inkluz naturalment dik li kien ammetta ghaliha. Fir-rikors ta' appell jidher li l-appellant ghadu jinsisti fuq l-ammissjoni tieghu, tant illi jitlob ir-revoka tas-sentenza appellata "minbarra l-akkuza dwar il-vettura minnu ammessa." Galadarba l-appellant mhuwiex jitlob ir-revoka tas-sejbien ta' htija dwar it-tielet imputazzjoni, anzi jidher li jrid il-konferma taghha, hu kellu jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata u mhux ir-revoka taghha kif ghamel fir-rikors in dizamina.

Id-difensur ta' l-appellant invoka l-artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri penali bl-artikolu 520(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Fuq din il-kwistjoni fejn saret talba simili ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmel Cauchi et** moghtija fil-25 ta' Awissu 2008 fejn intqal testwalment:

---

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003.

**"Din it-talba kjarament ma tistax tintlaqa'. Hawn ghandna rikors – dak ta' l-14 ta' Novembru 2007 – li huwa null *ex lege* u tali nullita` (li tajjeb li wiehed jghid hi materja ta' ordni pubbliku tant li tista' tigi sollevata mill-Qorti *ex officio*) ma tistax tigi raggirata bl-espedjent ta' korrezzjoni fl-att in kwistjoni. Dak li hu null ma jistax jigi ravvivat billi jigi nvokat l-artikolu 175 imsemmi. L-appellanti setghu, kieku riedu <u>u qabel ma ddekorra t-terminu li fih kellhom jipprezentaw l-appell taghhom</u>, jissostitwixxu r-rikors originali b'wiehed li jkun konformi ma' l-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali. Dan ma ghamluhx u ghalhekk it-talba maghmula bir-rikors tat-8 ta' Frar 2008 ser ikollha necessarjament tigi michuda."**

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2009, tiddikjara l-appell ta' Joseph Gauci rritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------